V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9780 — BNP Paribas/Banko of Baroda/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 131/07)

1. Fl-14 ta' April 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BNP Paribas Asset Management Asia ("BNPP AM Asia", Hong-Kong), li tappartjeni għall-grupp BNP Paribas ("BNPP", Franza),

— BNP Paribas Asset Management India Private Limited ("BNPP AMC", l-Indja),

— BNP Paribas Trustee India Private Limited ("BNPP TC", l-Indja),

— Bank of Baroda ("BOB", l-Indja),

— Baroda Asset Management India Limited ("BOB AMC", l-Indja),

— Baroda Trustee India Private Limited ("BOB TC", l-Indja, flimkien ma' BNPP AMC, BOB AMC u BNPP TC, il-"JV", l-Indja).

BNPP AM Asia u BOB jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' joint venture (JV) kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' kuntratt jew kwalunkwe mezzi oħrajn.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BNPP: grupp bankarju kkwotat fil-Euronext Paris u bil-kwartieri ġenerali f'Pariġi, attiv f'għadd kbir ta' pajjiżi. Huwa għandu tliet negozji bankarji ċentrali: servizzi bankarji għall-konsumaturi, servizzi bankarji għall-korporati u l-investiment kif ukoll servizzi ta' ġestjoni tal-assi; BNPP huwa attiv fl-Indja permezz tas-sussidjarja tiegħu BNPP AM Asia,

— BNPP AMC: kumpanija ta' ġestjoni tal-assi, sussidjarja ta' BNPP AM Asia, twaqqif u ġestjoni ta' fondi reċiproċi, kif ukoll provvista ta' servizzi ta' ġestjoni tal-portafolji fl-Indja,

— BNPP TC: kumpanija fiduċjarja ddedidata għall-fondi reċiproċi ġestiti minn BNPP AMC,

— BOB: bank proprjetà tal-istat, prinċipalment attiv fl-Indja fejn joffri varjetà ta' servizzi bankarji għall-individwi, intrapriżi medji, zgħar u mikro u korporati,

— BOB AMC: sussidjarja li hija kollha kemm hi proprjetà tal-Bank of Baroda, impenjata f'attivitajiet ta' ġestjoni tal-assi fl-Indja (twaqqif u ġestjoni ta' fondi reċiproċi),

— BOB TC: kumpanija fiduċjarja ddedikata għall-fondi reċiproċi ġestiti minn BOB AMC.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9780 – BNP PARIBAS/BANK OF BARODA/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.